MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 1824/2013/1

**Felix Mifsud et**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors fuq indikat datat is-27 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi ghandhom interess li jigu protetti d-drittijiet taghhom;

1.2 Illi konsegwentement, biex jigu kkawtelati dawn id-drittijiet, l-istess rikorrenti talbu lil din il-qorti biex tinibixxi jew izzomm lis-socjeta` intimata fuq indikata milli:

1.2.1. Jkomplu bit-theddida komunikata lilhom li jitterminaw is-servizz tal-*on line connection* tal-apparat taghhom minn mas-sistema centrali tas-socjeta` intimata;

1.2.2. Illi din it-theddida hi abbusiva u illegali u tmur kontra l-ftehim bejn il-partijiet;

1.2.3. Illi r-rifjut tar-rikorrenti li jiffirmaw *addendum* gdid ma jammontax ghal ksur tal-obbligi kontrattwali taghhom;

1.2.4. Illi s-socjeta` intimata qed tipprova timponi ftehim addizzjonali biex tinkludi loghba gdida indikata fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2.5. Illi r-rikorrenti jigu pregudikati kemm –il darba t-talba odjerna taghhom ma tintlahaqx;

2. Rat id-digriet precedenti taghha datat is-27 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu:

2.1 Laqghet it-talbiet tar-rikorrenti provizorjament;

2.2 Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fil-modalita` indikata fl-istess digriet;

3.0 Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata s-6 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1 Illi bl-ebda mod m'hi qed thedded lir-rikorrenti;

3.2 Illi qieghda biss tezigi li tenforza d-drittijiet taghha naxxenti mill-kuntratt t'agenzija;

3.3 Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante:

3.3.1.Illi r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda drittijiet fir-rigward – lanqas *prima facie*;

3.3.2. Illi lanqas jissodisfaw l-element tal-htiega li jinhareg il-mandat *de quo*;

3.4 Illi taghmel referenza ghall-bqija tar-risposta kopjuza tal-istess socjeta` intimata li a skans ta' ripetizzjoni inutili, mhix qed terga' tigi ripetuta f'dan l-istadju, ghalkemm, ovvjament, ittiehdet sew in konsiderazzjoni;

Ikkunsidrat:

4. Illi l-htiega tal-procedura in dizamina hi naxxenti mill-kuntratt bejn il-kontendenti datat is-6 ta' Lulju, 2012;

5. Illi l-vertenza hekk rilevata ghalhekk tinvolvi analisi dettaljat tal-artikli riferiti mill-istess kontendenti qabel ma tkun tista' tigi b'xi mod rizolta – kemm jista' jkun fl-istess interessi tal-kontendenti;

6. Illi ghalhekk jirrizulta li *prima facie* ir-rikorrenti ghandhom drittijiet x'jittutelaw – liema drittijiet pero` ma jistghux jigu dettaljatament analizzati fis-sede odjerna;

7. Illi *di piu`*, ghandu jkun pacifiku li jekk is-socjeta` intimata timxi skont kif indikat li trid taghmel fl-ittra li hi baghtet lir-rikorrenti datata s-26 ta' Novembru, 2013, (ara fol 3 u 4), allura jkun sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-irrimedjabbilita` kif dedott fl-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi konsegwentement, stante li sodisfatti r-rekwiziti tal-*prima facie* u tal-irrimedjabilita` kif fuq sintetiklament indikat, filwaqt li tirrespingi r-risposta tas-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1 Tirriforma d-digriet precedenti taghha datat is-27 ta' Novembru, 2013, fis-sens li minn wiehed provizorju tibdlu *contraio imperio* f'wiehed permanenti;

9.2 Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata Maltco Lotteries Limited

__________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------